**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 12 ta' Settembru, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1016/2017**
**fl-ismijiet**

**David Grech**

**vs**

**Joseph Scicluna, Emanuel Scicluna, Plaistow Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-12 ta' Lulju 2017 ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati rigwardanti proprjeta appartenenti lis-socjeta Plaistow Limited;

Rat ir-risposta ta' Plaistow Limited li issottomettiet li ma hemm ebda relazzjoni guridika jew kontrattwali mar-rikorrenti u ma hemm ebda ness mal-kreditu allegat;

Rat ir-risposta ta' Emanuel Scicluna li issottometta li hu ma offriex ruhu garanti ghal xi dejn ta' Joseph Scicluna. In oltre ma jaf b'ebda strutturi ta' kumpaniji u fiducjarji fis-sens implikat mir-rikorrenti;

Rat ir-risposta ta' Joseph Scicluna li issottometta illi ma ghandux interess fil-proprjetajiet milquta b'din il-procedura jew li hu kompartecipi fi strutturi socjetarji jew fiducjarji. In oltre jikkontesta l-veracita tal-iskrittura tal-14 ta' Gunju 2014. F'kull kaz qatt ma kellu awtorizzazzjoni jirraprezenta lil intimat Emanuel Scicluna.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel kwezit li ghalih trid tinghata risposta hu jekk ir-rikorrenti ippruvax a sodisfazzjon tal-Qorti li hu ghandu pretensjoni ta' dritt li jirrizulta mad-daqqa ta' ghajn liema pretensjoni jisthoqqilha protezzjoni kif mitlub.

Il-bazi tal-pretensjoni tar-rikorrenti gejja minn skrittura datata 14 ta' Gunju 2014 a fol. 11 tal-process f'liema skrittura hemm dikjarat u iffirmat minn Joseph Scicluna li hu debitur ta' David Grech ghal somom f'liri Maltin u liri Sterlini. Din l-iskrittura tidher valida fuq bazi prima facie u ghalkemm Joseph Scicluna jirriserva kontestazzjoni dwarha, tali kontestazzjoni wahedha ma twarrabx is-sahha ta' dak li jidher bil-miktub. Mhux l-istess pero jinghad fil-konfront ta' Emanuel Scicluna li mhux parti f'din l-iskrittura ta' debitu, ghalkemm Joseph Scicluna jiddikjara li Emanuel Scicluna garanti ghal hlas. Emanuel Scicluna jinnega li hu garanti u ma jidhirx li iffirma l-iskrittura. Il-bazi tal-pretensjoni tar-rikorrenti fil-fehma tal-Qorti fil-konfront ta' Emanuel Scicluna hi l-ghoti ta' garanzija ghal hlas tad-debitu. Pero din il-prova ma tirrizultax mill-iskrittura u lanqas hi ammessa min Emanuel Scicluna f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-Qorti tqis li ma giex pruvat pretensjoni ta' dritt fil-konfront ta' Emanuel Scicluna imma jirrizulta pjanament fil-konfront ta' Joseph Scicluna.

Hemm ukoll il-pretensjoni ta' dritt fil-konfront ta' Plaistow Limited. Din is-socjeta tissottometti illi ma hemm ebda ness mar-rikorrenti jew mal-kreditu allegat. Ir-rikorrenti jissottometti illi Plaistow hi socjeta registrata biex il-proprjeta ta' Joseph Scicluna tinheba f'din l-istruttura socjetarja u b'hekk jigi eluz il-pretensjoni ta' dritt fil-konfront tal-istess rikorrenti. Jekk tirrizulta din il-prova prima facie, allura l-Qorti tikkoncedi li hemm ness bejn ir-rikorenti u s-socjeta Plaistow, u l-mandat ta' inibizzjoni hu intiz biex l-istess rikorrenti jippreserva l-assi li l-istess socjeta qed izzomm ghall-istess Joseph Scicluna bl-intenzjoni qarrieqa li r-rikorrenti ma jkollux mnjen jigi sodisfatt il-kreditu tieghu. Ovvjament din mhix allegazzjoni leggera u l-Qorti trid ikollha prova li mad-daqqa ta' ghajn tikkonvinciha li hemm pretensjoni ta' dritt kontra l-istess Plaistow Limited naxxenti mill-istruttura mahluqa minn Joseph Scicluna li jimmerita protezzjoni u preservazzjoni.

Ir-rikorrenti ipprezenta diversi dokumenti ta' x'gara mill-proprjeta tal-intimat Joseph Scicluna. B'att tat-23 ta' April 2009 atti Nutar Malcolm Licari (fol. 16 et seq. tal-process) Joseph Scicluna rapprezentat min Dottor Charles Attard, management consultant, biegh il-proprjeta li wara saret blokk flats u garage in parti kolpiti b'din it-talba ghal hrug ta' mandat, lil Plaistow Limited rapprezentata mid-diretturi Robert Silvio Zammit u Emanuel Scicluna.

Plaistow Limited gie registrata fl-2008 u s-shareholders fi kwoti ugwali kienu JTS Holdings Limited u Robert Silvio Zammit. JTS Holdings giet registrata fl-2007 u l-azzjonista maggoritarju assolut hi Juanafil Finance Limited li giet registrata fl-2002 bi tlett azzjonisti cioe Credit Rating Malta Limited b'12,300 ishma u Charles Attard u Therese Attard b'582 sehem kull wiehed.

Il-Qorti ma issibx in-ness prima facie li qed jallega r-rikorrenti limitatament b'dawn il-fatti. L-allegazzjoni hi n-ness bejn Plaistow u Joseph Scicluna li fil-fehma tar-rikorrenti huma haga wahda u li l-istruttura socjetarja saret biex tevadi l-pretensjoni ta' kreditu tar-rikorrenti. Harsa lejn id-dokumenti prezentati, dejjem mad-daqqa ta' ghajn ma jurux dak li qed jigi allegat. Is-socjetarji li jidhru fis-socjeta Plaistow huma JTS Holdings Limited u Robert Silvio Zammit. JTS Holdings Limited hi fil-prattika proprjeta ta' Juanafil Finance Limited u l-azzjonista maggoritarju hi Credit Rating Malta Limited. L-istampa tieqaf hawn u ma jirrizultax in-ness ma' Joseph Scicluna anqas fuq bazi prima facie. Sottomissjonijiet ipotetici ma jistghux iwasslu lil Qorti ghal ebda konvincement anqas wiehed superficjali illi Joseph Sciclcuna hu wara Plaistow Limited fejn jirrizulta li Plaistow Limited ghandha zewg azzjonisti ugwali cioe JTS Holdings Limited u Robert Silvio Zammit, u ma hemmx ness bejn Joseph Scicluna u Juanafil Finance Limited u wisq anqas Credit Rating Malta Limited. In oltre l-Qorti izzid illi l-istrutturi socjetarji gew registrati bejn l-2002 u l-2008. Il-bejgh tal-proprjeta min Joseph Scicluna lil Plaistow Limited saret fl-2009 mentri l-iskrittura tal-kreditu saret fl-2014. Kwindi lanqas b'dawn il-fatti ma jista' jinghad li fuq bazi prima facie irrizulta xi ness bejn l-allegat pretensjoni ta' kreditu u t-trasferiment li sar bejn Joseph Scicluna u Plaistow Limited.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis illi ma irrizultax in-ness ta' pretensjoni ta' dritt prima facie fil-konfront ta' Plaistow Limited u konsegwentement il-proprjeta li qed

tigi kolpita b'dan il-mandat mhix idoneja ghal fini ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Joseph Scicluna.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti issib li ma jirrizultax pretensjoni ta' dritt fil-konfront ta' Emanuel Scicluna u Plaistow Limited u ghalkemm jirrizulta pretensjoni ta' dritt fil-konfront ta' Joseph Scicluna, ma hemmx ness pruvat prima facie bejn id-debitur u l-proprjeta li qed tintalab tigi kolpita bil-mandat u ghalhekk filwaqt li tirrevoka d-digriet provvizjorju tat-13 ta' Lulju 2017, tichad it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Bl-ispejjez ghar-rikorrent.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur